# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 8 ta' Ottubru 2001**

**Avviz. numru 541/01**

**Numru 26**

**Multi Packaging Limited**

**vs**

**Modern Blow and Packaging Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett mija u disgha u ghoxrin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm329.72) rappresentanti prezz ta' merci konsistenti f'kaxxi tal-kartun lis-socjeta' konvenuta mibjugha u debitament konsenjati mis-socjeta attrici.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet kummercjali mill-1 ta' Jannar 2001 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fis-26 ta' Settembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm329.72,0 bl-imghax legali mill-31 ta' Mejju 2001 sad-data tal-pagment effettiv u bl-ispejjes.

Alan Calleja
Dep.Reg